



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 216/22

Il-Lussemburgu, 22 ta' Diċembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-530/20 | EUROAPTIEKA

Il-leġiżlazzjoni Latvjana li tipprojbixxi r-reklamar għal prodotti mediċinali abbażi tal-prezzijiet, ta' offerti promozzjonali jew ta' bejgħ ikkombinat ta' prodotti mediċinali u prodotti oħra, hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni

Tali kontenut ta' reklamar jippromwovi l-użu irrazzjonali ta' prodotti mediċinali u għandu jiġi pprojbit mill-Istati Membri

Id-Direttiva 2001/83¹ tarmonizza d-dispożizzjonijiet fil-qasam tar-reklamar għal prodotti mediċinali billi tissuġġetta dan ir-reklamar għal kundizzjonijiet, restrizzjonijiet u projbizzjonijiet sabiex tiġi ssalvagwardata s-saħħa pubblika.

SIA "EUROAPTIEKA" hija kumpannija Latvjana b'responsabbiltà limitata li teżerċita attività farmaċewtika fil-Latvja. Matul is-sena 2016, l-Ispettorat tas-Saħħa Pubblika Latvjan pprojbixxieha milli xxandar reklamar relatat ma' bejgħ promozzjonali ta' prodotti mediċinali, abbażi ta' dispożizzjoni nazzjonali li tipprojbixxi r-reklamar għal prodotti mediċinali abbażi tal-prezzijiet, ta' offerti promozzjonali jew ta' bejgħ ikkombinat ta' prodotti mediċinali u prodotti oħra. Fl-2020, "EUROAPTIEKA" ippreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Latvjana fejn ikkontestat il-legalità ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali fid-dawl tad-Direttiva 2001/83.

Din il-qorti staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali" fis-sens ta' din id-direttiva u, b'mod partikolari, jekk dan il-kunċett ikoprix ukoll ir-reklamar ta' prodotti mediċinali mhux speċifiċi, jiġifieri r-reklamar ta' prodotti mediċinali b'mod ġenerali jew ta' sett ta' prodotti mediċinali mhux identifikati. Hija staqsiet wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-projbizzjoni, prevista fid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, tar-reklamar abbażi tal-prezzijiet u tar-reklamar għal offerti promozzjonali jew għal bejgħ ikkombinat ta' prodotti mediċinali u prodotti oħra kinitx kompatibbli ma' din id-direttiva.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tindika, qabelxejn, li **il-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali" jkopri kull forma ta' informazzjoni bieb-bieb, ta' kkanvassjar jew ta' inkoraġġiment, intiża li tippromwovi l-preskrizzjoni, il-provvista, il-bejgħ jew il-konsum ta' prodott mediċinali speċifiku jew ta' prodotti mediċinali mhux speċifiċi.**

Fil-fatt, dan il-kunċett huwa ddefinit fid-Direttiva 2001/83 b'mod wiesa' ħafna bħala li jkopri "kull forma" ta' informazzjoni bieb-bieb, ta' kkanvassjar jew ta' inkoraġġiment, inkluż, b'mod partikolari, ir-"reklamar ta' prodotti mediċinali għall-pubbliku ġenerali".

Barra minn hekk, kieku r-reklamar ta' prodotti mediċinali mhux speċifiċi jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83, il-projbizzjonijiet, il-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet li din id-direttiva tippredvi fil-qasam tar-reklamar minħabba r-riskji li jistgħu jirriżultaw minn użu eċċessiv u skunsiderat ta' prodotti mediċinali jkunu fil-biċċa

¹ Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69) kif emendata bid-Direttiva 2004/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262).

L-kbira mċaħħda mill-effett utli tagħhom u l-għan essenzjali ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika mfittex minn din id-direttiva jkun fil-biċċa l-kbira kompromess.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **t-trażmissjoni ta' informazzjoni li tinkoraġġixxi x-xiri ta' prodotti mediċinali billi tiġġustifika n-neċessità ta' tali xiri abbażi tal-prezz, billi tħabbar offerta promozzjonali jew billi tirreferi għal bejgħ ikkombinat ma' dak ta' prodotti mediċinali jew prodotti oħra**, bħal dik ipprojbata mid-dispożizzjoni nazzjonali kkontestata quddiem il-qorti tar-rinviju, għandha għan promozzjonali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din it-trażmissjoni ta' informazzjoni **taqa', konsegwentement, taħt il-kunċett ta' "reklamar għal prodotti mediċinali"**, anki meta din l-informazzjoni tkun tirrigwarda prodotti mediċinali mhux speċifiċi.

Fir-rigward, sussegwentement, tal-kompatibbiltà ta' tali dispożizzjoni nazzjonali mad-Direttiva 2001/83, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li r-reklamar għal prodotti mediċinali li la huma suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas huma rimborsabbli, b'mod speċifiku kkonċernati minn din id-dispożizzjoni nazzjonali, huwa, bħala prinċipju, awtorizzat minn din id-direttiva. **Madankollu, sabiex jipprevjenu l-okkorrenza ta' riskji għas-saħħa pubblika, l-Istati Membri huma obbligati jipprojbixxu kull kontenut ta' reklamar li jista' jinkoraġġixxi l-użu irrazzjonali ta' tali prodotti mediċinali.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, f'dan ir-rigward, li **r-reklamar għal prodotti mediċinali li la huma suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas huma rimborsabbli, jista' jkollu influwenza partikolarment kbira fuq l-evalwazzjoni u l-għażla magħmula mill-konsumaturi finali**, kemm fir-rigward tal-kwalità tal-prodott mediċinali kif ukoll fir-rigward tal-kwantità li jkollha tinx tara. Barra minn hekk, ir-reklamar abbażi tal-prezzijiet u r-reklamar għal offerti promozzjonali jew għal bejgħ ikkombinat ta' prodotti mediċinali u ta' prodotti oħra **jista' jwassal lill-konsumaturi finali jixtru u jikkonsmaw dawn il-prodotti mediċinali abbażi ta' kriterju ekonomiku, mingħajr ma jwettqu evalwazzjoni oġġettiva bbażata fuq il-proprietajiet terapewtiċi tal-prodotti mediċinali u fuq bżonnijiet mediċi speċifiċi**. Tali kontenut ta' reklamar barra minn hekk **jassimila prodotti mediċinali ma' prodotti oħra ta' konsum**, li huma ġeneralment is-suġġett ta' skontijiet u tnaqqis fil-prezz.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **ir-reklamar abbażi tal-prezzijiet u r-reklamar għal offerti promozzjonali jew għal bejgħ ikkombinat ta' prodotti mediċinali u ta' prodotti oħra għalhekk jinkoraġġixxi l-użu irrazzjonali u eċċessiv ta' prodotti mediċinali** li la huma suġġetti għal preskrizzjoni medika u lanqas huma rimborsabbli. Konsegwentement, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, li tipprojbixxi t-trażmissjoni ta' dan il-kontenut ta' reklamar, hija kompatibbli mad-Direttiva 2001/83.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi !

